MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2005

Appell Kriminali Numru. 38/2005

**Il-Pulizija**

**Vs**
Joseph Gheiti

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-9 ta' Novembru, 2004 ghall-habta tal-10.00 a.m. fix-Xatt ta' tas-Sliema :**
**1) volontarjament kiser il-bon ordni w l-paci pubblika b'ghajjat u storbju;**
**2) qal kliem baxx u fahxi fil-pubbliku;**
**3) insulenta lil Giovanni Cumbo bi kliem;**
**4) naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija moghtija lilu.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Frar, 2005, li biha, wara

li rat l-Artikoli 338(m)(bb)(ee) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali sabet lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu w ikkundannatu jhallas ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) ghal kull wahda ta’ dawn l-erba akkuzi, LM100 b’kollox. Inoltre, wara li rat l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ordnat lill-imputat taht garanzija ta’ LM100 ghal perjodu ta’ sena li ma jkellimx jew jimmolesta lil Giovanni Cumbo.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-22 ta’ Frar, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tirrevokaha w tiddikjara lill-esponenti bhala mhux hati tal-akkuzi dedotti kontrih u kwindi tilliberah minnhom u thassar kull imputazzjoni w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni li bih ecepiet in-nullita’ tar-rikors tal-appell ghaliex kellha tintalab ir-revoka tas-sentenza appellata u mhux li din il-Qorti joghgobha tvarja l-istess sentenza billi tirrevokaha.

Semghet it-trattazzjoni dwar dan il-punt.

Ikkonsidrat

Illi fil-fatt fil-kaz in ezami l-appellant kien instab hati tal-erba imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

B’dana kollu fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant talab li din il-Qorti **“joghgobha tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tirrevokaha u tiddikjara lill-esponent bhala mhux hati tal-akkuzi dedotti kontrih u kwindi tilliberah minnhom u thassar kull imputazzjoni w piena”**.

Illi a skanz ta’ ripettizzjoni inutili din il-Qorti mhux se toqghod tghaddi in rassenja l-gurisprudenza kollha minnha citata fis-sentenzi taghha tal-lum stess anki kontra l-istess appellant u sentenzi ohra “Il-Pulizija vs Joseph Grech”, “Il-Pulizija vs Justin Gheiti” u “Il-Pulizija vs Carmelo Penza” li minnhom johrog car li ghandha tintalab

**jew ir-revoka** jew **ir-riforma** skond l-Artikolu 419 (c) tal-Kodici Kriminali u ma jistghux jintalbu t-tnejn f'daqqa ghax dan ikun kontro sens.

Illi huwa ovvju li f'dan il-kaz kellha tintalba **ir-revoka** biss la darba l-appellant kien qed jitlob li din il-Qorti tiddikjarah mhux hati tal-akkuzi dedotti kontrih u kwindi tilliberah minnhom.

Illi bil-fatt li dan ma sarx inkisret id-disposizzjoni tal-artikolu fuq citat u dan jimporta n-nullita' tar-rikors tal-appell.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-Avukat Generali, tiddikjara l-appelll null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------